*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,531, 24 ta' Ottubru, 1997*

***Taqsima C***

# Nru. 37

24. 10. 97

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Edwin Grech, M.P., Ministru tal-Harsien Soċjali u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-7 ta' Ottubru, 1997.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Edwin Grech, M.P., Minister for Social Welfare and read the First time at the Sitting of the 7th October, 1997.

**AN ACT further to amend the Social Security Act, Cap. 318.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: –

Titolu fil-qosor.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2), u għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk, iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 318.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fid-29 ta' Settembru, 1997.

Żieda ta' l-artikolu 116A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 116 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid 116A li ġej:

"Eżenzjoni

116A. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 116 ta' dan l-Att, il-kontribuzzjoni addizzjonali li għandha titħallas skond dak l-artikolu m'għandhiex tkun dovuta minn prinċipal jew minn persuna li timpjega lilha nnifisha jew minn persuna li taħdem għaliha nnifisha dwar kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi li kellhom jitħallsu minnhom, skond il-każ, u li jitħallsu sal-31 ta' Diċembru, 1997 u fil-każ ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi li kellha titħallas minn

prinċipal għar-rigward tax-xahar ta' Diċembru, 1997, din tkun tħallset sa l-10 ta' Jannar, 1998;

Iżda xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem bħala li —

(a) jnaqqas xi ħaġa mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ii) tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu 116; jew

(b) jagħti lil xi persuna l-jedd li jitlob il-ħlas lura ta' xi kontribuzzjoni addizzjonali mħallsa minnu skond l-imsemmi artikolu 116 qabel id-29 ta' Settembru, 1997.".

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz hu sabiex jagħmel provvedimenti li jkunu jiffaċilitaw il-ħlas ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT further to amend the Social Security Act, Cap. 318.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title and commencement. Cap. 318.

**1.** (1) This Act may be cited as the Social Security (Amendment) (No. 2) Act, 1997, and shall be read and construed as one with the Social Security Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 29th September, 1997.

Addition of new section 116A to the principal Act.

**2.** Immediately after section 116 of the principal Act there shall be added the following new section 116A:

"Exemption.

116A. Notwithstanding the provisions of section 116 of this Act, the further contribution payable in accordance with that section shall not be due by an employer or a self-employed or self-occupied person with regard to Class One or Class Two contributions payable by them, as the case may be, and which are paid by the 31st December, 1997, and in the case of any Clas One contribution payable by an employer in respect of the month of December, 1997, this has been paid by the 10th January, 1998:

Provided that nothing in this section shall be construed as —

(a) detracting from the provisions of paragraph (ii) of subsection (5) of the said section 116; or

(b) giving any person the right to claim a refund of any further contribution paid by him in accordance with the said section 116 prior to the 29th September, 1997.".

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to make provision facilitating the payment of arrears of social security contributions.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – Published by the Department of Information - *3, Castille Place*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8c – *Price 8c*